



22.4.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1512/2009, imressqa minn Evelyn Schlögl, ta' nazjonalità Awstrijaka, f'isem l-Inizjattiva Lebenswertes Wipptal, dwar l-oppożizzjoni tagħha għall-Mina ta' Bażi fi Brenner, parti minn rotta 1 tal-kuritur TEN

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

F'isem numru ta' gruppi ta' azzjoni taċ-ċittadini kemm fuq in-naħa Awstrijaka kif ukoll fuq in-naħa Taljana tal-mogħdija ta' Brenner, il-petizzjoni tispjega oppożizzjoni popolari għall-kostruzzjoni tal-Mina ta' Bażi fi Brenner, li tiffirma parti minn rotta 1 tal-kuritur TEN. L-argumenti jiffukaw fuq a) ir-relazzjoni bejn spejjeż proġettati ta' kostruzzjoni (allegatament l-ispiża għet stmata inqas milli fil-fatt hi) u tbassir futur tat-traffiku (allegatament stmat li se jkun iktar milli fil-fatt se jkun hemm) u b) konformità ma' proċeduri ta' studju tal-impatt ambjentali skont regolamenti tal-UE.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-29 ta' Jannar 2010. Il-Kummissjoni għet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' April 2010.

Il-Proġett Prijoritarju Nru 1, l-assi tal-ferrovija Berlin-Verona/Milan-Bologna-Napli-Messina-Palermo huwa wieħed mit-30 Proġett Prijoritarju li hemm imsemmijin fid-Deċiżjoni 884/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat network trans-Ewropew tat-trasport.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat il-programm multiannwali tagħha għall-2007-2013 u rriservat 960 miljun € mill-pakkett ta' 5.1 biljun € għall-proġett prijoritarju 1, Berlin-Palermo.

Il-parti l-kbira ta' dan l-ammont (786 miljun €) se tiġi investita fil-proġett tal-Mina ta' Bażi fi Brenner. Hemm żewġ deċiżjonijiet għall-proġett tal-mina ta' bażi fi Brenner. L-ewwel deċiżjoni tkopri l-istudji, li jinkludu l-mini pilota u se jseħħu bejn l-1 ta' Diċembru 2008 u l-aħħar tal-2013. L-appoġġ totali f'dan il-każ huwa ta' 193 miljun € b'rata ta' kofinanzjament ta' 50%. It-tieni deċiżjoni tkopri x-xogħlijiet fuq il-mina ewlenija u dawn se jseħħu bejn l-2010 u l-aħħar tal-2013 għal ammont totali ta' 593 miljun € b'rata ta' kofinanzjament ta' 27%. Il-programm multiannwali għall-2007-2013 ġie adottat wara li ġew ikkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, u t-tnejn li huma appoġġjaw bil-kbir lill-Kummissjoni.

Billi dan huwa kumpless ħafna kemm fuq livell finanzjarju u anke tekniku, il-Kummissjoni ddeċidiet li taħtar lill-Prof. Karel Van Miert bħala l-Koordinatur Ewropew għal dan il-proġett<sup>1</sup>. Is-Sur Van Miert dam isegwi l-proġett mill-qrib u b'mod kritiku mill-20 ta' Lulju 2005 sat-22 ta' Ġunju 2009, li kienet id-data ta' meta miet mewta mhux mistennija.

Il-Koordinatur Ewropew ippreżenta rapport ta' attività annwali<sup>2</sup>, li juri r-riżultati tal-attivitàjiet tiegħu. Ir-rapporti ġew ippreżentati lill-Kummissjoni u, sussegwentement, intbagħtu lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew. Fl-aħħar rapport ta' attività tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2009, il-Koordinatur għamel għażla ċara sabiex jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq il-fruntiera ta' Munich-Verona, iż-żona transalpina (Il-Kuritur ta' Brenner), filwaqt li stabbilixxa l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni korretta tal-proġett. Dan wassal għall-istabbiliment tal-Pjattaforma tal-Kuritur ta' Brenner (BCP) f'Mejju 2007 u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Istruttura Finanzjarja f'Diċembru 2008, fejn ġie żgurat approċċ integrat, li mhux biss jinkludi segwitu ta' sempliċi proġett ta' infrastruttura, iżda jinkorpora wkoll aspetti bħal pereżempju l-interoperabilità, it-terminali u l-aspetti relatati tal-ferrovija, is-sorveljanza ambjentali, il-miżuri ta' politika akkompanjanti u finalment ir-relazzjonijiet bejn il-ferrovija, it-triq, l-ambjent u l-enerġija.

Il-Pjattaforma tal-Kuritur ta' Brenner (BCP) għandha l-għan li ddaħħal fis-seħħ koperazzjoni b'saħħitha bejn l-imsieħba kollha involuti, billi tiġbor flimkien it-tliet Stati Membri (l-Awstrija, il-Ġermanja u l-Italja), il-ħames reġjuni (il-Bavarja, it-Tirol, l-Alto Adige, Trento, u Verona) u l-kumpaniji tal-ferrovija. Din għandha l-għan li toffri soluzzjoni għaż-żieda esponenzjali tat-traffiku fit-toroq, li twassal għal għeluq u konġestjoni, li ma tistax tiġi separata mir-rispett għall-istandards ambjentali, bħal pereżempju l-kwalità tal-arja u l-istandards tal-ħsejjes.

Il-BCP ħejjiet il-Programm ta' Azzjoni ta' Brenner għall-2009, li jinkludi lista ta' 50 miżuri ta' terminu qasir, medju jew twil li jvarjaw minn previżjonijiet tat-traffiku, titjib infrastrutturali, analiżi tal-kapaċità tal-perjodi ta' użu fl-iskeda, kapaċità tat-terminal, kwistjonijiet ta' interoperabilità, għal proposti relatati mal-politika, u d-Dikjarazzjoni Komuni li ġiet iffirmata f'Ruma fit-18 ta' Mejju 2009 mit-tliet Stati Membri, il-ħames reġjuni u l-kumpaniji tal-infrastruttura tal-ferrovija.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Istruttura Finanzjarja ġie stabbilit sabiex ikun jista' jwettaq eżami

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni C (2005) 2754 tal-20 ta' Lulju 2005 nnominat sitt Koordinaturi Ewropej għal ċerti proġetti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport.

<sup>2</sup> Dan ir-rapport huwa disponibbli fuq:

[http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/european\\_coordinators/2009\\_en.htm](http://ec.europa.eu/transport/infrastructure/european_coordinators/2009_en.htm)

analitiku ddettaljat tal-proġett, fir-rigward tal-ispejjeż u l-iskeda tiegħu, inklużi l-istudji impliċiti u l-istruttura finanzjarja possibbli u l-mudelli finanzjarji. L-Awstrija u l-Italja, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Brenner Base Tunnel Societas Europaea (BBT SE) ipparteċipaw f'dan l-eżerċizzju tant definit u limitat fil-ħin. Il-ħidma tal-grupp wasslet għal ħruġ sostanzjali ta' dokumenti, li fosthom kien hemm ittra mill-BEI li tippreżenta analiżi provviżorja tal-proġett tal-mina ta' bażi fi Brenner, kif ukoll abbozz ta' struttura finanzjarja.

Il-proġett tal-BBT (il-Mina ta' Bażi fi Brenner) ġie soġġett għal varjetà wiesgħa ta' stimi tal-impatt ambjentali skont ir-rekwiżiti stipolati fid-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE (magħrufa bħala l-Istima tal-Impatt Ambjentali jew id-Direttiva EIA)<sup>1</sup>. Il-pubbliku kkonċernat, li inkluda wkoll l-organizzazzjonijiet ambjentali, ġie kkonsultat u mogħti l-opportunità, b'mod partikolari, matul it-tieni nofs tal-2008, li jesprimi kummenti u opinjonijiet qabel ma jiddeċiedi dwar it-talba għall-kunsens għall-iżvilupp, li finalment ġiet maħruġa f'April 2009. Il-kunsens għall-iżvilupp isostni li - skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tal-Awstrija - l-awtoritajiet nazzjonali Taljani ġew notifikati fl-2003 dwar il-proġett u l-kunċett tal-istima tal-impatt ambjentali proposta. Dan il-kunċett ġie soġġett ukoll għall-konsultazzjoni pubblika. Il-kummenti magħmula matul il-proċess tal-konsultazzjoni tal-EIA wasslu għal studji kumplimentarji u għal aktar titjib tal-proġett.

Għadha ma saritx Stima tal-Impatt Ambjentali kif hemm imsemmi fid-Direttiva 2001/42/KE, minħabba li dan l-obbligu japplika biss għall-Istati Membri mill-21 ta' Lulju 2004. Id-Deċiżjoni 884/2004/KE li introduċiet il-Proġett Prijoritarju Nru 1 daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Mejju 2004.

Il-partijiet kollha involuti fil-Kuritur ta' Brenner ikkonfermaw li l-proġett dalwaqt se jiġi mniedi b'mod definit u li qatt ma kien daqshekk matur. Fl-2010, se jibdew ix-xogħlijiet fil-mina ewlenija.

Il-Kummissjoni onorat l-obbligu tal-Artikolu 171 TFUE li skontu għandha titqies il-vijabilità ekonomika potenzjali tal-proġetti. Hija waqqfet qafas li jdaħħal fis-seħħ koperazzjoni b'saħħitha bejn l-imsieħba kollha involuti u li jinkludi miżuri konkreti li jmorru lil hinn minn segwitu ta' sempliċi proġett ta' infrastruttura.

L-Istimi tal-Impatt Ambjentali (EIA) ġew finalizzati fiż-żewġ Stati Membri involuti fil-proġett.

Il-finanzjar tal-proġett huwa parzjalment ibbażat fuq il-proġamm multiannwali tat-TEN-T għall-2007-2013, li ġie appoġġjat mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri. Sar eżami analitiku finanzjarju ddettaljat tal-proġett mill-Grupp ta' Ħidma tal-Istruttura Finanzjarja li jinkludi l-Awstrija u l-Italja u l-BEI. Ir-riżultati ta' dan il-Grupp ta' Ħidma ġew preżentati fir-raba' rapport ta' attività annwali tal-Koordinatur Ewropew Karel Van Miert.

---

<sup>1</sup> Direttiva 85/337/KEE kif emendata minn 97/11/KE u 2003/35/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175 , 05/07/1985 P. 0040 – 0048)